2025/51

10.1.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/51

## tas-16 ta' Diċembru 2024

## li tawtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja t-tiġdid tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 101, it-tieni paragrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO) ([1]) (il-"Ftehim") skada fil-31 ta' Mejju 2024.

(2) Il-Bord Eżekuttiv tal-KEDO mistenni jiddeċiedi li jkompli l-KEDO bħala organizzazzjoni internazzjonali wara l-31 ta' Mejju 2024.

(3) Huwa fl-interess tal-Euratom li tkompli s-sħubija tagħha fil-KEDO lil hinn mill-31 ta' Mejju 2024 għal raġunijiet finanzjarji u legali.

(4) Jenħtieġ li l-estensjoni tal-Ftehim tapplika b'mod retroattiv mill-31 ta' Mejju 2024.

(5) Minħabba n-natura ripetittiva u twila tal-proċess ta' estensjoni preċedenti tal-Ftehim u n-nuqqas ta' kwalunkwe impenn finanzjarju mill-Euratom u mill-Istati Membri, jenħtieġ li l-estensjonijiet futuri tal-Ftehim jibbenefikaw minn approċċ simplifikat abbażi ta' mandat usa' mill-Kunsill biex il-Kummissjoni tinnegozja tali estensjonijiet futuri. Dak il-mandat usa' jkun jippermetti lill-Kummissjoni tinnegozja aktar minn tiġdid wieħed tal-Ftehim, dment li dak it-tiġdid tas-sħubija tal-Euratom fil-KEDO ma jkollu l-ebda impatt finanzjarju fuq il-baġit tal-Unjoni. Jenħtieġ li tali negozjati jkunu mingħajr preġudizzju għall-prerogattiva tal-Kunsill skont l-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Trattat KEEA) li japprova l-konklużjoni mill-Kummissjoni tal-ftehimiet imġedda li għandhom isiru mill-Euratom. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe tiġdid tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tinnegozja, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom), it-tiġdid tal-Ftehim bejn l-Euratom u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO).

2. In-negozjati għandhom isiru abbażi tad-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill li jinsabu fl-addendum ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

LANTOS C.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (Euratom) 2023/2781 tat-8 ta' Diċembru 2023 li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO) (ĠU L, 2023/2781, 12.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2781/oj).